DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1105

tal-5 ta' Lulju 2021

dwar ir-rikonoxximent tal-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' Singapore għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi taħt superviżjoni mill-Awtorità Monetarja ta' Singapore bħala ekwivalenti għal ċerti rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jipprevedi mekkaniżmu li bih il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta deċiżjonijiet ta' ekwivalenza li permezz tagħhom l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' pajjiż terz jiġu ddikjarati ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4, 9, 10 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex il-kontropartijiet li jidħlu fi tranżazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, fejn mill-inqas waħda mill-kontropartijiet tkun stabbilita f'dak il-pajjiż terz, jitqiesu li ssodisfaw dawk ir-rekwiżiti billi jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-reġim legali ta' dak il-pajjiż terz. Id-dikjarazzjoni ta' ekwivalenza tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jiġifieri li jitnaqqas ir-riskju sistemiku u li tiżdied it-trasparenza tas-swieq tad-derivattivi billi tiġi żgurata l-applikazzjoni internazzjonalment konsistenti tal-prinċipji miftiehma mal-pajjiżi terzi u stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(2) L-Artikolu 11(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li huwa ssupplimentat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 ([2]) u bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 ([3]), jistabbilixxi r-rekwiżiti legali tal-Unjoni dwar il-konferma f'waqtha tat-termini ta' kuntratt tad-derivattivi OTC, it-twettiq ta' eżerċizzju ta' kompressjoni tal-portafoll u l-arranġamenti li taħthom il-portafolli jiġu rikonċiljati fir-rigward tal-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn kontroparti ċentrali ("CCP"); barra minn hekk, dawn il-paragrafi jistabbilixxu l-obbligi tal-valutazzjoni u tas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal dawn il-kuntratti ("tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali") kif ukoll l-obbligi dwar l-iskambju ta' kollateral ("marġnijiet") bejn il-kontropartijiet.

(3) Sabiex ir-reġim legali, superviżorju u ta' infurzar ta' pajjiż terz jitqies ekwivalenti għar-reġim tal-Unjoni fir-rigward tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali u r-rekwiżiti tal-marġini, l-eżitu sostantiv tal-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar applikabbli għandu jkun ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-Unjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jiżgura l-protezzjoni tas-segretezza professjonali li hija ekwivalenti għall-protezzjoni prevista fl-Artikolu 83 ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, arranġamenti ekwivalenti legali, superviżorji u ta' infurzar għandhom jiġu applikati b'mod effettiv b'mod ekwu u mingħajr distorsjoni f'dak il-pajjiż terz. Il-valutazzjoni tal-ekwivalenza għalhekk tinkludi verifika dwar jekk l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' pajjiż terz jiżgurawx li l-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP u konklużi minn tal-inqas kontroparti waħda stabbilita f'dak il-pajjiż terz ma jesponux is-swieq finanzjarji fl-Unjoni għal livell ogħla ta' riskju u konsegwentement ma joħolqux livelli inaċċettabbli ta' riskju sistemiku fl-Unjoni.

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-arranġamenti tal-ikklerjar indiretti, l-obbligu tal-ikklerjar, ir-reġistru pubbliku, l-aċċess għal ċentru tan-negozjar, kontropartijiet nonfinanzjarji, tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 11).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2251 tal-4 ta' Ottubru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet rigward standards tekniċi regolatorji għal tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għall-kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklirjati minn kontroparti ċentrali (ĠU L 340, 15.12.2016, p. 9).

(4) Din id-Deċiżjoni mhijiex ibbażata biss fuq analiżi komparattiva tar-rekwiżiti legali, superviżorji u ta' infurzar applikabbli f'Singapore, iżda wkoll fuq valutazzjoni tal-eżitu ta' dawk ir-rekwiżiti, u fuq l-adegwatezza tagħhom biex inaqqsu r-riskji li jitnisslu minn kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP b'mod li jista' jitqies ekwivalenti għall-effetti tar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(5) L-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar applikabbli f'Singapore għal kuntratti tad-derivattivi kklirjati mhux ċentralment huma stabbiliti fir-Regolamenti dwar it-Titoli u l-Futuri (liċenzjar u kondotta tan-negozju), kif ukoll fil-Linji Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivattivi barra l-Borża ikklirjati mhux ċentralment ("Linji Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-mitigazzjoni tar-riskju") u fil-Linji Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-marġini għal kuntratti tad-derivattivi kklirjati mhux ċentralment ("Linji Gwida dwar il-marġnijiet") tal-Awtorità Monetarja ta' Singapore ("AMS"). Il-Linji Gwida dwar il-marġini daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2017 filwaqt li dawk dwar ir-rekwiżiti tal-mitigazzjoni tar-riskju ġew ippubblikati f'April 2019. L-AMS hija l-bank ċentrali u r-regolatur finanzjarju ta' Singapore u teżerċita superviżjoni prudenzjali fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha f'Singapore, li jinkludu banek, banek merkantili, kumpaniji tal-assigurazzjoni, intermedjarji tas-suq kapitali, konsulenti finanzjarji u infrastrutturi tas-swieq finanzjarji. Għandha ġurisdizzjoni fuq derivattivi OTC skont it-tifsira tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(6) It-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP, kif stabbilit fl-Artikolu 54b tar-Regolamenti dwar it-Titoli u l-Futuri (Liċenzjar u kondotta tan-negozju), fil-Linji Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-mitigazzjoni tar-riskju u fil-Linji Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Marġni tal-MAS huma simili għal dawk previsti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u r-Regolament Delegat (UE) Nru 149/2013 fir-rigward tal-konferma f'waqtha, il-valwazzjoni tal-kuntratti, il-kompressjoni tal-portafoll, ir-rikonċiljazzjoni tal-portafoll u r-riżoluzzjoni tat-tilwim.

(7) Fir-rigward tar-rekwiżiti għall-konferma f'waqtha, il-kompressjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-portafoll, il-valwazzjoni u r-riżoluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP, ir-regoli tad-derivattivi OTC li jinsabu fil-Linji Gwida tal-MAS jistgħu jitqiesu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. In-nuqqas ta' konformità mal-Linji Gwida jista' jagħti bidu għal rieżami tal-awtorizzazzjoni li taħtha joperaw l-entitajiet soġġetti għal-Linji Gwida.

(8) Ir-regoli tal-marġni ta' Singapore japplikaw għal kuntratti tad-derivattivi OTC kif definiti fil-punt (7) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, bl-eċċezzjoni ta' forwards u swaps tal-FX saldati fiżikament, tranżazzjonijiet FX fissi saldati fiżikament assoċjati mal-iskambju tal-kapital permezz ta' swaps bejn il-muniti, derivattivi ta' komoditajiet saldati b'mod fiżiku li jsiru għal skopijiet kummerċjali, derivattivi mhux ikklerjati mingħajr ftehim ta' netting infurzabbli legalment, derivattivi mhux ikklerjati mingħajr arranġament kollaterali legalment infurzabbli, opzjonijiet tal-ekwità u opzjonijiet tal-indiċi tal-ekwità. Barra minn hekk, ir-regoli ta' Singapore dwar il-marġni ma jinkludu l-ebda trattament speċifiku għal prodotti strutturati, inklużi bonds koperti u titolizzazzjonijiet. Skont it-termini tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251, swaps FX u forwards FX u l-iskambju ta' kapital ta' swaps tal-muniti huma eżentati mir-rekwiżiti tal-marġni inizjali u huma biss derivattivi assoċjati ma' bonds koperti għal skopijiet ta' ħeġġjar, derivattivi assoċjati ma' ċerti titolizzazzjonijiet, u derivattivi ma' kontropartijiet f'pajjiżi terzi fejn l-infurzabbiltà legali ta' ftehimiet ta' netting jew protezzjoni kollaterali ma tistax tiġi żgurata, kif ukoll opzjonijiet ta' ekwità ta' stokk uniku u opzjonijiet ta' indiċi, jibbenefikaw minn eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-marġini. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal derivattivi ta' komoditajiet issaldati b'mod fiżiku li jsiru għal finijiet kummerċjali.

(9) Ir-rekwiżiti tal-marġni stabbiliti fil-Linji Gwida dwar il-marġnijiet japplikaw għal "persuni li huma eżentati milli jkollhom liċenzja tas-servizzi tas-swieq kapitali skont it-taqsima 99 (1) (a) jew (b) tal-SFA" ("Entità Koperta mill-AMS"), li tirreferi għall-banek liċenzjati skont l-Att Bankarju ta' Singapore u l-banek merkantili. Sovrani, banek ċentrali, entitajiet tas-settur pubbliku, aġenziji multilaterali eliġibbli, organizzazzjoni jew entitajiet, il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp huma eżentati mill-iskambju tal-marġnijiet skont il-Linji Gwida. Id-definizzjoni ta' "Entità Koperta mill-AMS" hija għalhekk subsett tad-definizzjoni ta' "kontroparti finanzjarja" fir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Għaldaqstant jenħtieġ li din id-deċiżjoni tkopri l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar rigward il-mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali u l-iskambju tal-obbligi kollaterali applikabbli għall-Entitajiet Koperti mill-AMS.

(10) Entità Koperta mill-AMS trid tiskambja marġni ta' varjazzjoni jekk l-ammont nozzjonali aggregat tagħha fi tmiem ix-xahar ta' kuntratti tad-derivattivi mhux ikklerjati għal Marzu, April u Mejju tas-sena jaqbeż is-S $5 biljun jew fil-każ ta' tranżazzjoni ma' Entità Koperta mill-AMS li l-ammont nozzjonali aggregat fi tmiem ix-xahar ta' kuntratti tad-derivattivi mhux ikklerjati għal Marzu, April u Mejju tas-sena jaqbeż dak il-livell limitu. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jirrikjedi li l-kontropartijiet kollha ta' tranżazzjoni ta' derivattiv OTC mhux ikklerjata minn CCP jiskambjaw marġni ta' varjazzjoni fuq bażi ta' kuljum. Għaldaqstant jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun kondizzjonali fuq l-iskambju tal-marġni ta' varjazzjoni għal tranżazzjonijiet imwettqa ma' Entitajiet Koperti mill-AMS li huma soġġetti għar-regoli tal-marġini ta' Singapore.

(11) Skont il-Linji Gwida dwar il-marġini, l-iskambju ta' marġnijiet inizjali u ta' varjazzjoni (flimkien "marġni") jenħtieġ li jseħħ fiċ-ċiklu standard tas-saldu għat-tip ta' kollateral rilevanti iżda mhux aktar tard minn tlett ijiem ta' negozju mid-data tat-tranżazzjoni jew mid-data meta l-marġnijiet iridu jiġu kkalkulati mill-ġdid. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jirrikjedi li l-kontropartijiet kollha ta' kuntratt tad-derivattivi OTC mhux ikklerjat minn CCP jiskambjaw marġni ta' varjazzjoni fuq bażi ta' kuljum jew jaġġustaw il-perjodu ta' marġni ta' riskju użat għall-kalkolu tal-marġni inizjali skont dan. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet fir-rigward tal-marġni ta' varjazzjoni.

(12) imili għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2251, skont il-Linji Gwida dwar il-marġnijiet Entitajiet Koperti mill-AMS b'ammont nozzjonali aggregat ta' derivattivi OTC mhux ikklerjati, ikkalkulat fil-livell tal-grupp konsolidat u esklużi t-tranżazzjonijiet intragrupp, għax-xhur ta' Marzu, April u Mejju tas-sena ta' qabel is-sena li fiha l-kalkolu jaqbeż S$13 biljun irid jiskambja marġni inizjali. Singapore adotta l-iskeda ta' introduzzjoni gradwali miftiehma internazzjonalment għar-rekwiżiti tal-marġni inizjali. Il-Linji Gwida dwar il-marġini jipprovdu wkoll għal ammont ta' trasferiment minimu kkombinat ta' marġnijiet inizjali u ta' varjazzjoni ta' S$800 000. Il-limitu fl-Artikolu 25 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251 huwa ta' EUR 500 000. Meta titqies id-differenza marġinali fil-valur ta' dawk il-muniti, jenħtieġ li dawn l-ammonti jiġu meqjusa bħala ekwivalenti.

(13) Bl-istess mod bħall-metodu standardizzat għall-kalkolu tal-marġni inizjali stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251, ir-regoli ta' Singapore dwar il-marġni jippermettu l-użu ta' mudell standardizzat ekwivalenti għal dak stipulat fl-Anness imsemmi. Alternattivament, jistgħu jintużaw mudelli interni jew ta' parti terza għall-kalkolu tal-marġni inizjali fejn dawk il-mudelli fihom ċerti parametri speċifiċi, inkluż intervalli ta' kunfidenza minimi u perjodi ta' marġni ta' riskju, u ċerta *data* storika, inklużi perjodi ta' stress. Qabel ma jużaw mudell intern jew ta' parti terza, u qabel ma jagħmlu xi tibdil fih, il-kontropartijiet iridu jinnotifikaw l-AMS u jipprovdu d-dokumentazzjoni rilevanti kollha inklużi l-metodoloġija tal-mudell, l-ispeċifikazzjonijiet u r-rapporti ta' validazzjoni biex juru li l-mudell jikkonforma mal-Linji Gwida dwar il-marġnijiet.

(14) Ir-rekwiżiti tar-regoli ta' Singapore dwar il-marġni dwar kollateral eliġibbli u dwar kif dak il-kollateral jiġi miżmum u segregat, jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2251. Ir-regoli dwar il-marġni ta' Singapore fihom ukoll lista simili ta' kollateral eliġibbli u jirrikjedu li l-Entitajiet Koperti tal-AMS jiddiversifikaw b'mod raġonevoli l-kollateral li jiġbru, inkluż billi jillimitaw it-titoli b'likwidità baxxa sabiex tiġi evitata l-konċentrazzjoni tal-kollateral. Ir-rekwiżiti fir-regoli tas-Singapore dwar il-marġni applikabbli għall-valutazzjoni ta' kollateral huma komparabbli mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2251.

(15) Fir-rigward tal-livell ekwivalenti ta' protezzjoni tas-segretezza professjonali f'Singapore, l-impjegati tal-AMS huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar is-segretezza professjonali inklużi fl-Att dwar l-Awtorità Monetarja ta' Singapore ("l-Att tal-AMS"), li jipprojbixxi lid-diretturi, lill-uffiċjali, lill-impjegati, lill-konsulenti u lill-aġenti tal-AMS milli jiżvelaw informazzjoni li jkunu saru jafu biha waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Għaldaqstant, l-"Att tal-AMS" jiggarantixxi s-segretezza professjonali, inkluża l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali skambjati mill-awtoritajiet kompetenti ma' partijiet terzi, ekwivalenti għal dawk stabbiliti fit-Titolu VIII tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-"Att tal-AMS" jitqies bħala li jipprovdi livell ekwivalenti ta' protezzjoni fir-rigward tas-segretezza professjonali bħal dak previst fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(16) Fl-aħħar nett, fir-rigward tas-superviżjoni u l-infurzar effettivi tal-arranġamenti legali f'Singapore, l-AMS għandha r-responsabbiltà primarja għall-monitoraġġ u l-infurzar tal-konformità mal-Linji Gwida. L-AMS għandha s-setgħa li tieħu firxa wiesgħa ta' miżuri superviżorji biex twaqqaf kwalunkwe ksur tar-rekwiżiti applikabbli, bħal ittri ta' twissija, tneħħija tad-diretturi, ċaħda ta' approvazzjonijiet superviżorji jew limiti imposti fuq l-attivitajiet tal-Entitajiet Koperti tal-AMS. Għaldaqstant jenħtieġ li dawk il-miżuri li jitqiesu li jipprovdu għall-applikazzjoni effettiva tal-arranġamenti legali, regolatorji u ta' infurzar rilevanti skont ir-regoli tad-derivattivi OTC b'mod ekwu u mhux distorżiv sabiex ikunu żgurati superviżjoni u infurzar effettivi.

(17) Din id-Deċiżjoni tirrikonoxxi l-ekwivalenza tar-rekwiżiti vinkolanti stabbiliti mill-MAS relatati ma' kuntratti tad-derivattivi OTC applikabbli fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-ESMA, se tkompli twettaq monitoraġġ fuq bażi regolari tal-evoluzzjoni tal-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar għal dawn il-kuntratti tad-derivattivi OTC u l-applikazzjoni konsistenti u effettiva tagħhom dwar il-konferma fil-ħin, il-kompressjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-portafoll, il-valutazzjoni, is-soluzzjoni tat-tilwim u r-rekwiżiti tal-marġni applikabbli għal kuntratti tad-derivattivi OTC mhux ikklerjati minn CCP fuq il-bażi li fuqha ttieħdet din id-Deċiżjoni. Bħala parti mill-isforzi ta' monitoraġġ tagħha, il-Kummissjoni tista' titlob lill-AMS biex tipprovdi informazzjoni dwar l-iżviluppi regolatorji u superviżorji. Il-Kummissjoni tista' twettaq rieżami speċifiku fi kwalunkwe ħin, fejn l-iżviluppi rilevanti jagħmluha neċessarja għall-Kummissjoni li tivvaluta mill-ġdid id-dikjarazzjoni ta' ekwivalenza mogħtija b'din id-Deċiżjoni. Tali rivalutazzjoni tista' twassal għat-tħassir ta' din id-Deċiżjoni, li bħala konsegwenza tagħmel lill-kontropartijiet awtomatikament soġġetti mill-ġdid għar-rekwiżiti kollha stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(18) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' Singapore għall-konferma tal-kummerċ, il-kompressjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-portafoll, il-valwazzjoni u s-soluzzjoni tat-tilwim li huma applikati għal tranżazzjonijiet regolati bħala derivattivi OTC mill-Awtorità Monetarja ta' Singapore ("AMS") u li mhumiex ikklerjati minn CCP għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, fejn mill-inqas waħda mill-kontropartijiet għal dawk it-tranżazzjonijiet tkun stabbilita f'Singapore u tkun "Entità Koperta mill-AMS" kif definit skont ir-rekwiżiti tad-derivattivi mhux ċentralment.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' Singapore għall-iskambju ta' kollateral li huma applikati għal tranżazzjonijiet regolati bħala derivattivi OTC mill-AMS u li mhumiex ikklerjati minn CCP, bl-eċċezzjoni ta' derivattivi ta' komoditajiet saldati b'mod fiżiku għal skopijiet kummerċjali, jitqiesu bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) mill-inqas waħda mill-kontropartijiet għal dawk it-tranżazzjonijiet tkun stabbilita f'Singapore u tkun Entità Koperta mill-AMS kif definita fil-Linji Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-marġini għal kuntratti tad-derivattivi OTC ikklirjati mhux ċentralment ta' Singapore;

(b) meta l-marġni ta' varjazzjoni jkun meħtieġ li jiġi pprovdut skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, il-marġni ta' varjazzjoni jiġi skambjat fl-istess jum li fih jiġi kkalkolat.

B'deroga mill-punt (b), fejn jiġi stabbilit bejn il-kontropartijiet li l-marġni ta' varjazzjoni ma jistax jiġi pprovdut b'mod konsistenti fl-istess jum li fih jiġi kkalkolat, l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' Singapore għandhom jitqiesu wkoll bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 (3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fejn il-marġni ta' varjazzjoni jiġi skambjat fi żmien jumejn ta' negozju mill-kalkolu tiegħu u l-perijodu marġinali ta' riskju użat għall-kalkolu tal-marġni inizjali jiġi aġġustat kif xieraq.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN